



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 2.7.2007  
KUMM(2007) 371 finali

**KOMMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL, LILL-  
PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI  
EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**II-Konferenza Dinjija tar-Radjokomunikazzjoni ta' l-ITU 2007  
(WRC-07)**

## WERREJ

1.	Id-dimensjonijiet Ewropej u globali tal-politika ta' l-ispektrum .....	3
2.	It-Thejjijiet Ewropej għad-WRC-07 .....	4
3.	Il-Politiki Komunitarji Rilevanti għad-WRC-07 .....	5
4.	Il-Komunikazzjonijiet ċellulari tal-Futur .....	6
5.	Kwistjonijiet oħra ta' Prijorità .....	8
6.	Iktar Flessibilità fil-Qafas Regulatorju ta' l-ispektrum globali.....	10
7.	L-Aġenda għall-Konferenza li jmiss (WRC-11).....	10
8.	Konklużjoni.....	11

**KOMMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL, LILL-  
PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI  
EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**Il-Konferenza Dinjija tar-Radjokomunikazzjoni ta' l-ITU 2007  
(WRC-07)**

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

**1. ID-DIMENSIJONIJIET EWROPEJ U GLOBALI TAL-POLITIKA TA' L-ISPEKTRUM**

L-ispektrum tar-Radju huwa **riżors naturali prezzjuż** u skars li jista' jkollu impatti soċjali u ekonomiċi sinifikanti<sup>1</sup> għas-setturi kollha li jużaw it-teknoloġiji *wireless*, bħall-midja, il-komunikazzjonijiet ċellulari, id-difūza u l-avjazzjoni. L-ispektrum huwa input ekonomikament importanti għall-provvista ta' servizzi pubbliċi u kummerċjali ibbażati fuq it-teknoloġija *wireless*, għar-riċerka xjentifika u għall-ħolqien ta' netwerks internazzjonali ta' trasport u komunikazzjonijiet<sup>2</sup>.

L-armonizzazzjoni ta' l-ispektrum fl-Ewropa hija element ewlieni li jiffaċilita t-tkomplija tas-**Suq Waħdieni ta' l-UE** tal-merkanziji u s-servizzi, u fuq livell usa' tista' tkattar l-iskambji kummerċjali internazzjonali billi jitneħħew l-ostakoli tekniċi għall-kummerċ. L-isfidi tal-ġestjoni ta' l-ispektrum tar-radju fil-fatt spiss jiġu indirizzati aħjar permezz tal-kooperazzjoni bejn il-pajjiżi. Flimkien mal-valur ta' l-attivitajiet ekonomiċi - il-valur totali tas-servizzi li jiddependu fuq l-ispektrum fl-UE jaqbu l-200 € biljun, i.e bejn 2% u 2.5% tal-prodott gross annwali Ewropew - dan jispjega għaliex l-Ewropa bħala żona ekonomika għandha tagħti importanza lin-negozjati internazzjonali li jaffettwaw l-użu ta' l-ispektrum tar-radju.

Fis-snin riċenti, l-attivitajiet għall-iżvilupp ta' politika koerenti Ewropea ta' l-ispektrum tar-radju qabdu r-ritmu, u appoġġaw żoni ta' politika komuni, bħas-soċjetà ta' Informazzjoni, l-Ambjent u t-Trasport. **Bid-Deċiżjoni ta' l-Ispektrum tar-Radju<sup>3</sup>** (RSD), il-Komunità stabbiliet il-bażi għal qafas ta' politika u regolatorju biex tiżgura li jiġu sodisfatti r-rekwiżiti ta' l-ispektrum tar-radju tal-politiki Komunitarji rilevanti.

Fi ħdan dan il-qafas, il-kwistjonijiet ta' politika huma indirizzati fil-kuntest Komunitarju fil-Grupp tal-Politika ta' l-Ispektrum tar-Radju (**RSPG**), entità konsultattiva għall-Kummissjoni. Il-miżuri regolatorji rilevanti għall-armonizzazzjoni ta' l-użu ta' l-ispektrum madwar il-Komunità kollha jittieħdu fil-Kumitat ta' l-Ispektrum tar-Radju (**RSC**).

---

<sup>1</sup> Skond stima ta' studju li sar dan l-aħħar fir-Renju Unit, il-benefiċċju ekonomiku mill-użu ta' l-ispektrum fl-2005 kien ta' '1 fuq minn EUR 1000 per capita, abbażi ta' l-użu żejjed min-naħa tal-konsumaturi u tal-produtturi.

<sup>2</sup> Kif ġie enfasizzat fl-azzjoni ta' prijorità 2 tal-proċess ta' Liżbona ta' l-UE, approvata mill-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa ta' l-2006, li ssemmi espliċitament ir-rwol tal-ġestjoni ta' l-ispektrum fil-promozzjoni ta' l-għarfien u ta' l-innovazzjoni.

<sup>3</sup> Id-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill 676/2002/KE tas-7 ta' Marzu 2002.

Il-koordinazzjoni ta' l-ispektrum fil-livell globali huwa r-responsabbiltà ta' l-Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjonijiet (ITU), aġenzija tan-Nazzjonijiet Uniti bil-missjoni li żżomm u testendi l-kooperazzjoni internazzjonali għat-titjib u l-użu razzjonali ta' telekomunikazzjonijiet ta' kull tip. Kull tlieta jew erba' snin, l-ITU torganizza l-Konferenza Dinjija tar-Radjukomunikazzjoni, proċess immirat għall-adattazzjoni tar-**Regolamenti tar-Radju ta' l-ITU** (RR), it-trattat internazzjonali li jikkoordina l-użu ta' l-ispektrum globalment. Il-**Konferenza Dinjija tar-Radjukomunikazzjoni** (WRC-07) li jmiss, il-quċċata ta' bosta snin ta' xogħol ta' tħejjija, se jsir f'Ġinevra mit-22 ta' Ottubru sas-16 ta' Novembru 2007.

Il-Kummissjoni għandha tipparteċipa fid-WRC-07 bħala membru settorjali bla vot ta' l-ITU. F'din il-kapaċità, il-Kummissjoni għandha ttipprova tappoġġa dawk il-pożizzjonijiet komuni Ewropej li huma konformi ma' u rilevanti għall-politiki Komunitarji.

Din il-Komunikazzjoni għandha l-għan li tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-politiki Komunitarji li jstgħu jiġu affettwati bir-riżultat tad-WRC-07. Tipprova tikseb l-approvazzjoni tagħhom għall-għanijiet tal-politika li jridu jintlaħqu u għall-pożizzjoni li trid tittieħed mill-Istati Membri fil-konferenza tad-WRC-07.

## 2. IT-THEJJIJET EWROPEJ GHAD-WRC-07

L-Istati Membri ta' l-UE jinnegozjaw fl-ITU bħala membri indipendenti. Fil-prattika, huma jagħżlu li jiżviluppaw il-pożizzjonijiet tekniċi tagħhom flimkien mas-CEPT, assoċjazzjoni ta' 47 awtorità nazzjonali ta' spektrum u telekomunikazzjonijiet, qabel ma jinnegozjaw mal-bqija tad-dinja abbażi tal-pożizzjonijiet konsolidati Ewropej ("Proposti Komuni Ewropej"). L-amministrazzjonijiet parteċipanti għall-proċess CEPT jaqblu li jappoġġjaw jew għallinqas ma jinnegozjawx attivament kontra pożizzjonijiet komuni bħal dawn.

Billi s-CEPT hija effettiva fl-iżvilupp tal-pożizzjonijiet ddetaljati Ewropej ta' negozjar meħtieġa għal konferenza teknika-regolatorja bħad-WRC, l-Istati Membri huma marbuta bl-obbligi li impenjaw irwieħhom bihom skond it-Trattat tal-KE u bl-*acquis communautaire*<sup>4</sup> Għalhekk, l-iżvilupp tal-pożizzjonijiet tekniċi fis-CEPT jeħtieġ li jiġi kkomplimentat b'konsiderazzjonijiet fuq l-interessi globali Komunitarji fin-negozjati.

Għal dan il-għan, l-RSD teħtieġ l-koordinazzjoni tal-pożizzjonijiet Komunitarji u t-twaqqif ta' **għanijiet ta' politika komuni** fid-WRC. L-Istati Membri u l-Komunità għandhom jiżviluppaw azzjonijiet komuni u jikkooperaw mill-qrib waqt il-proċess sħiħ ta' negozjati sabiex iħarsu l-unità tar-rappreżentazzjoni internazzjonali tal-Komunità.

Konformi ma' dan l-impenn, il-Kummissjoni qed tiżgura l-koordinazzjoni ta' l-approċċi tal-politika bbażati fuq l-adozzjoni tal-politika Komunitarja qabel id-WRC u tissorvelja l-involviment ta' l-Ewropa f'dan il-proċess. Għal dan il-għan, hi inkarigat lill-RSPG biex tiżviluppa Opinjoni ta' konsulenza dwar l-għanijiet Komunitarji għad-WRC-07<sup>5</sup> Din l-attività ġiet appoġġata b'konsultazzjoni pubblika u żewġ *workshops* pubbliċi.

<sup>4</sup> L-Istati Membri ta' l-UE jressqu dikjarazzjoni konġunta għall-inklużjoni ta' l-Atti Finali tad-WRC, billi jiddikjaraw li se japplikaw ir-reviżjoni ta' l-ITU RR fil-konferenza skond l-obbligi tagħhom taħt it-Trattat tal-KE.

<sup>5</sup> Opinjoni rreveduta ta' l-RSPG dwar id-WRC-07 ta' l-14 ta' Frar 2007.

**L-għan kumplessiv tal-Kummissjoni Ewropea fil-proċess tad-WRC huwa li tiżgura li jittieħdu deċiżjonijiet li jappoġġaw l-politiki u l-inizjattivi Komunitarji.**

Waqt il-konferenza, il-Kummissjoni, flimkien mal-Presidenza tal-Kunsill, sejra tipprova tgħin lill-Istati Membri jżommu pożizzjonijiet komuni ta' negozjar. Għal dan il-għan, l-Istati Membri għandhom jappoġġaw il-pożizzjonijiet identifikati mill-Kummissjoni u approvati mill-Kunsill u l-Parlament Ewropew, kif ukoll daww il-Proposti Komuni Ewropej li jissodisfaw l-għanijiet ta' politika Komunitarja. Kwalunkwe tibdil ta' pożizzjonijiet waqt in-negozjati għandhom iqisu l-interessi ta' bażi Komunitarji.

### **3. IL-POLITIKI KOMUNITARJI RILEVANTI GĦAD-WRC-07**

L-aġenda tad-WRC-07 trid titqies fid-dawl tal-politiki u tal-prinċipji Komunitarji eżistenti. L-għanijiet ġenerali ta' l-UE li jridu jiġu appoġġati fid-WRC jinkludu:

- it-tiżhij tas-**Suq Uniku** Ewropew;
- it-tneħħija ta' l-ostakoli tekniċi għal **kummerċ internazzjonali**;
- il-promozzjoni ta' **kompetizzjoni** bejn pjattaformi ta' infrastruttura alternattivi;
- l-iżvilupp ta' kundizzjonijiet orjentati lejn **l-innovazzjoni** għat-teknoloġiji ġodda, inkluż permezz ta' standards miftuħa.

Il-politiki settorjali li ġejjin huma rilevanti wkoll f'dan ir-rigward:

**i2010 – Soċjetà Ewropea ta' Informazzjoni 2010**, hija qafas ġdid strateġiku li jistabbilixxi orjentazzjonijiet ta' politika wiesgħa. Din tippromwovi ekonomija diġitali miftuħa u kompetittiva u tenfasizza l-ICT bħala l-iskrun ta' l-inklużjoni u l-kwalità tal-ħajja. Element ewlieni tal-iżhubija mġedda ta' Liżbona għat-ktabbir u l-impjiegi, i2010, sejra timxi lejn approċċ integrat għall-politiki tas-soċjetà ta' informazzjoni u midja awdjoviżwali fl-UE. Dan jinkludi l-forniment ta' qafas komuni regolatorju ta' l-UE għall-komunikazzjonijiet elettroniċi, ibbażati fuq prinċipji u obbligi ċari.

**Il-Politika Awdjoviżwali** tenfasizza l-valuri soċjali u kulturali, bl-interessi pubbliċi fundamentali bħal-libertà ta' l-espressjoni u l-promozzjoni tad-diversità kulturali. Is-servizzi u n-netwerks tal-mezzi tax-xandir huma rregolati mill-qafas ġenerali tal-komunikazzjonijiet elettroniċi tal-KE, filwaqt li kien hemm ftehim fuq Direttiva ġdida dwar il-kontenut (Servizzi tal-Midja Awdjoviżwali).

**Ir-Riċerka u l-Iżvilupp** fl-UE tfittex li żżid fuq il-vantaġġi tal-kompetittività li jistgħu jinkisbu bl-innovazzjoni teknoloġika permezz tal-koordinazzjoni tal-politiki nazzjonali u Komunitarji u billi jitħeġġeġ il-ħolqien tan-netwerking ta' gruppi ta' riċerka. Il-programmi Kwadri Komunitarji ta' l-RTD jiffinanzjaw ammonti sinifikanti ta' riċerka prekompetittiva.

Il-protezzjoni **ambjentali** hija priorità politika għall-UE fil-kuntest tal-bidla fil-klima. Fost l-inizjattivi tal-politika Ewropea f'dan il-qasam hemm il-GMES (Sorveljanza Globali għall-Ambjent u s-Sigurtà), li timmira li tippermetti lil daww li jagħmlu d-deċiżjonijiet fl-Ewropa li jakkwistaw il-kapaċità għas-sorveljanza indipendenti.

Il-politika tat-**trasport** timmira li tiġi żviluppata sistema ta' trasport integrata fil-Komunità Ewropea, li tinkludi kull tip ta' mezzi ta' trasport. Sabiex din il-politika tiġi estiża aktar, qed tiġi segwita l-implimentazzjoni ta' firxa wiesgħa ta' miżuri għall-iżvilupp ta' sistemi ta' trasport integrati (bit-triq, bl-ajru, bil-ferrovija u bil-baħar).

**L-ispazju** huwa riżorsa strateġika importanti biex l-UE timplimenta xi wħud mill-miri usa' tal-politika. L-applikazzjonijiet li tinkoraġġixxi l-Komunità f'dan il-kuntest jinkludu l-komunikazzjonijiet tas-satellita broadband biex issolvi l-“firda diġitali, l-osservazzjoni tad-Dinja u sistemi ta' pożizzjonament .

Fl-Opinjoni tagħha dwar id-WRC-07, l-RSPG ikkonfermat l-isfond kumplessiv tal-politika ta' l-UE u tat parir lill-Kummissjoni dwar il-pożizzjonijiet li għandha tiegħu l-Ewropa fil-konferenza fir-rigward tan-negozjar ta' punti speċifiċi. Il-Kummissjoni taqbel b'mod wiesa' mal-fehmiet ta' l-RSPG. It-taqsimiet li ġejjin jiċċaraw il-pożizzjonijiet speċifiċi f'dan il-kuntest.

#### 4. IL-KOMUNIKAZZJONIJIET ĊELLULARI TAL-FUTUR

Fokus importanti tal-konferenza se jkun dwar il-qasam tas-sistemi tal-komunikazzjonijiet ċellulari tal-futur<sup>6</sup>. Fit-tnejn għad-WRC-07 kien hemm domanda ċara għal identifikazzjoni globali ta' spektrum addizzjonali għal dawn is-sistemi<sup>7</sup>.

Sabiex tiġi sodisfatta din id-domanda addizzjonali, qed jitiqesu l-meded ta' l-ispektrum fi frekwenzi kemm taħt kif ukoll 'il fuq mill-frekwenzi li qed jintużaw bħalissa mis-sistemi ċellulari fl-Ewropa.

Il-Kummissjoni temmen li l-fokus għandu jkun fuq l-identifikazzjoni ta' dawk il-meded ta' frekwenza li jistgħu jippromwovu ambjent ta' telekomunikazzjonijiet **konverġenti** fit-tul.

##### 4.1. Frekwenzi iktar għoljin

Fost il-meded kandidati rilevanti fi frekwenzi oġġla mill-ispektrum disponibbli bħalissa għas-sistemi ċellulari fl-Ewropa hija is-C band (**3.4-4.2 GHz**). Filwaqt li din il-medda hija attraenti għas-sistemi ċellulari futuri fl-Ewropa, din qed tintuża bħala n-network *broadband* ewlieni mis-servizzi tas-satellita, l-iktar fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Għandha tingħata prijorità biex jinstantu soluzzjonijiet ta' kondiviżjoni teknika li jissodisfaw l-eżiġenzi tal-komunikazzjonijiet ċellulari, filwaqt li jipproteġu b'mod adegwat l-interessi tas-settur tas-satellita fil-medda C bl-inqas spejjeż għall-operaturi satellitari. **Prijoritizzazzjoni tas-sottomeded** għas-servizzi tas-satellita u terrestri fi ħdan il-medda 3.4-4.2 GHz tkun tista' toffrilhom garanziji adegwati fit-tul ta' operat fi ħdan din il-medda ta' frekwenza mingħajr interferenza eċċessiva. L-operazzjonijiet satellitari għandhom iżommu prijorità dejjiema fis-sottomedda 3.8–4.2 GHz.

---

<sup>6</sup> Id-WRC-07 se jikkunsidra r-rekwiżiti ta' l-ispektrum għal hekk imsejħa teknoloġija “IMT”, li tinkludi l-“IMT-2000”, il-familja ta' l-istandards tat-telefonija ċellulari rikonoxxuti mill-ITU normalment magħrufa bħala t-“3G”, kif ukoll l-“IMT-Avvanzat”, li jinkludi wkoll l-*interfaces* tar-radju li jappoġġaw kapaċitajiet ġodda ta' l-IMT-2000.

<sup>7</sup> Wieħed mill-*inputs* ewlenin fl-analiżi ta' l-ITU kien studju għall-Kummissjoni Ewropea dwar ir-rekwiżiti ta' l-ispektrum għas-Servizzi Futuri Ċellulari.

## 4.2. Il-Medda UHF

Minħabba l-frekwenza baxxa tagħha, il-medda tax-xandir UHF (470 sa 862 MHz) tipprovdi l-aqwa karatteristiċi ta' propogazzjoni tas-sinjali f'termini ta' kopertura u ta' penetrazzjoni interna. Għalhekk, l-infrastrutturi tan-netwerk fil-medda ta' l-UHF jistgħu jkunu iktar **effettivi fl-infiq** mis-sistemi eżistenti u jistgħu jiffaċilitaw it-tixrid ta' sistemi ċellulari f'regġuni b'popolazzjoni baxxa u f'żoni urbani b'ħafna bini.

Il-Kummissjoni ilha tišhaq b'mod konsistenti li l-Ewropa għandha ssegwi l-mira komuni li tuża bl-aħjar mod il-potenzjal soċjali u ekonomiku tad-"dividend diġitali", i.e. il-medda ta' l-ispektrum rilaxxati potenzjalment permezz ta' trasferiment għax-xandir diġitali. Dan ifisser li l-użu tal-medda ta' l-UHF m'għandhiex tiġi "ffriżata" bis-sitwazzjoni preżenti ta' l-allokkazzjoni ta' l-ispektrum iżda għandha tkun ivvalutata fid-dawl ta' l-opportunitajiet pprovduti bl-użi ġodda u effiċjenti, billi wieħed iżomm f'moħħu għanijiet ta' interess ġenerali<sup>8</sup>.

Bosta Stati Membri diġà qed jimplementaw strateġiji nazzjonali biex jitfu t-TV analoġu u biex jisfruttaw id-dividend diġitali. Għalhekk hemm l-urġenza li jiġi esplorat kwalunkwe valur miżjud Ewropew. Dan l-aħħar saru xi dikjarazzjonijiet ta' politika fl-livell għoli f'dan ir-rigward kemm mill-Kunsill Ewropew<sup>9</sup> kif ukoll mill-Parlament Ewropew<sup>10</sup> Il-Grupp tal-Politika ta' l-Ispektrum tar-Radju ta' parir ieħor lill-Kummissjoni<sup>11</sup>- biex tippromwovi l-vantaġġi ta' l-introduzzjoni ta' livell xieraq ta' flessibilità fl-użu ta' din il-medda sabiex tadatta ruħha ma' innovazzjonijiet teknoloġiċi futuri kif ukoll ma' l-evoluzzjoni tad-domandi tas-suq.

Fl-istess waqt, it-trattament regolatorju ugwali ta' l-ispektrum kollu wżat għas-servizzi elettroniki ta' komunikazzjoni huwa essenzjali biex titkattar l-kooperazzjoni kostruttiva fost l-industrija, speċjalment għas-servizzi ċellulari konverġenti u multimedjali bħat-TV ċellulari u offerti jisimhom "konnettività tripla", mingħajr ma jiġu preklużi eċċezzjonijiet iġġustifikati biex jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' politika awdjoviżwali li huma ta' interess ġenerali.

L-aħjar użu tad-dividend diġitali jirrikjedi li b'mod attiv jitneħħew ostakoli regolatorji mhux meħtieġa għall-provvista ta' servizzi innovattivi fil-medda tal-UHF. Bħalissa ir-Regolamenti tar-Radju ITU jippermettu lis-servizzi ta' xandir status regolatorju oġhla ("allokkazzjoni primarja")<sup>12</sup> fil-medda tal-UHF fl-Ewropa<sup>13</sup> Minħabba li d-WRC-07 qed tqis spektrum

---

<sup>8</sup> Ara COM(2005) 461.

<sup>9</sup> Il-Kunsill ta' 14-15 ta' Diċembru 2006 talab għal "...*approċċ kkoordinat sakemm huwa possibbli għall-użu tal-kapaċità ta' l-ispektrum disponibbli bħala riżultat ta' trasferiment għad-diġitali*". [Tradużżjoni mhux uffijjali].

<sup>10</sup> Il-Parlament Ewropew adotta Riżoluzzjoni fl-14 ta' Frar 2007 fejn iddikjara li "...*parti mill-benefiċċju ta' l-ispettru għandha tiġi mmirata għall-armonizzazzjoni teknika fuq livell Ewropew*" u li "...*Jinkuraġġixxi lill-Kummissjoni biex tikkunsidra r-realtà tal-benefiċċju ta' l-ispettru meta jiġu definiti l-orjentazzjonijiet futuri tal-politika ta' l-ispettru radju-elettriku*...". Talab ukoll lill-Kummissjoni biex tiżgura li "...*kunsiderazzjoni suffiċjenti tittieħed dwar is-sinifikat tax-xandir fir-rigward tal-libertà ta' l-opinjoni ta' individwi u, u għad-diversità ta' l-opinjoni, meta l-kapaċitajiet tat-trażmissjoni huma allokatu fuq livell Ewropew*".

<sup>11</sup> Opinjoni ta' l-RSPG dwar id-Dividend Diġitali ta' l-14 ta' Frar 2007.

<sup>12</sup> L-RR ta' l-ITU jiddistingwu bejn "primarju" u "sekondarju". Is-servizzi b'allokkazzjoni sekondarja m'għandhomx jikkawżaw interferenza perikoluża għal servizzi primarji, u għandhom jaċċettaw l-

addizzjonali għas-servizzi ċellulari, għandu jittieħed l-ewwel pass fid-direzzjoni ta' iktar flessibilità billi jittella' l-istatus ta' dawn is-servizzi għall-istess status tas-servizzi tax-xandir f'din il-konferenza<sup>14</sup>.

### 4.3. Protezzjoni ta' l-ispektrum ċellulari eżistenti

Qed jitniedu sistemi varji tas-satelliti minn pajjiżi barra l-Ewropa li jużaw partijiet tal-medda 2500–2690 MHz. Fid-dawl ta' l-użu ta' dan l-ispektrum fl-Ewropa fil-futur qarib mit-tielet ġenerazzjoni tan-netwerks ċellulari, l-Ewropa sejra teħtieġ li l-interessi tagħha jiġu ssalvagwardjati permezz ta' protezzjoni adegwata u ta' kompatibilità mas-sistemi satellitari.

#### **L-għanijiet tal-politika Komunitarja**

Huwa importanti ekonomikament għall-Komunità li l-industrija ċellulari tkompli jkollha aċċess għal riżorsi suffiċjenti ta' l-ispektrum tar-radju. Għalhekk:

- Parti mill-medda 3.4 sa 4.2 GHz għandha ssir disponibbli għas-servizzi ċellulari fuq bażi mhux esklussiva fl-Ewropa. Is-soluzzjonijiet adegwati għandhom jiġu implimentati għall-utenti tas-satellita attwali f'din il-medda.
- Titjib fl-istatus tas-servizz ċellulari fil-medda tal-UHF fl-Ewropa jista' jżid il-flessibilità u jneħħi limitu potenzjali fl-aħjar organizzazzjoni futura ta' din il-medda.
- Għandu jsir kull sforz biex jitnaqqsu r-riskji ta' interferenza mis-servizzi satellitari għan-netwerks IMT-2000 li joperaw fl-UE fil-medda 2.5–2.69 GHz.

## 5. KWISTJONIJIET OĦRA TA' PRIJORITÀ

### 5.1. Appoġġ għal użi xjentifiċi ta' l-ispektrum

L-użu xjentifiku ta' l-ispektrum tar-radju għandu valur soċjali u ekonomiku konsiderevoli u jeħtieġ li jiġi appoġġat<sup>15</sup>. L-użi xjentifiċi ta' l-ispektrum jinkludu s-satelliti ta' l-Esplorazzjoni tad-Dinja (*Earth Exploration satellites* (EESS)), satelliti meterjoloġiċi u sistemi tar-riċerka spazjali, li jappoġġaw il-politiki ta' l-UE fl-oqsma ta' l-ambjent, l-ispazju u l-RTD. L-osservazzjoni tal-fenomeni naturali jew fiżiċi magħmula mill-bniedem ħafna drabi tista' ssir biss fi frekwenzi speċifiċi. L-isfida hija li tissalvagwardja l-operat effettiv tas-servizzi xjentifiċi mingħajr ma jitqiegħdu limiti sproporzjonati fuq setturi oħra importanti.

---

interferenza minnhom. Meta jkun hemm servizzi multipli fi ħdan medda ta' frekwenza bl-istess status, kollha għandhom l-istess drittijiet, iżda jagħtu prijorità lill-operat preċedenti.

<sup>13</sup> Formalment, fl-hekk imsejjaħ "ITU Reġjun 1", l-RR ta' l-ITU jaqsmu d-dinja fi tliet "reġjuni" differenti. Ir-Reġjun 1 jinkludi l-Ewropa u l-Afrika.

<sup>14</sup> Il-Ftehim GE06 ffirmat fl-2006 wara konferenza ta' l-ITU RRC-06 tipprovdi qafas regolatorju komprensiv għall-protezzjoni tax-xandir diġitali minn interferenza ta' ħsara. Il-Kummissjoni tat is-CEPT ukoll mandat formali għal konsiderazzjonijiet tekniċi dwar għażliet ta' armonizzazzjoni għad-dividend diġitali.

<sup>15</sup> Ara r-Rapport ta' l-RSPG u l-Opinjoni dwar l-Użu Xjentifiku ta' l-Ispektrum tal-25 ta' Ottubru 2006.



### **L-għanijiet tal-politika Komunitarja**

L-EESS tagħmel parti essenzjali mill-inizjattiva GMES, il-kontribut Ewropew għas-Sistema Globali tas-Sistemi għall-Osservazzjoni tad-Dinja (GEOSS), li huwa importanti għall-politika Komunitarja dwar l-Ambjent. Il-protezzjoni kontinwa tagħha mill-interferenza, kif ukoll allokkazzjonijiet addizzjonali għustifikati għal servizzi xjentifiċi, għandhom ikunu appoġġati.

### **5.2. Organizzazzjoni mill-Ġdid tal-meded HF**

Il-meded ta' frekwenza għolja (*high frequency* (HF)) jew "*short wave*" li huma essenzjali biex jittrażmettu s-sinjali tar-radju fuq distanzi twal, ġew taħt pressjoni minn ħafna utenti differenti, b'mod partikolari s-servizzi tax-xandir tar-radju, ta' l-aeronawtika, tal-militar u tas-servizzi ċellulari marittimi. Konsiderazzjoni fil-fond ta' din il-medda tad-WRC-07 tista' timpatta potenzjalment il-politiki ta' l-UE awdjoviżwali u tat-trasport.

Ir-radju tax-xandir *short-wave* huwa lest biex jilqa' l-benefiċċji tat-**teknoloġija diġitali** u għandu jiġi appoġġat minn kapaċità ta' spektrum suffiċjenti. Is-servizzi ġodda tax-xandir ibbażati fuq it-teknoloġiji diġitali bħat-teknoloġija DRM (Digital Radio Mondiale) joffru l-prospetti li jerġa' jibda jintuża mill-ġdid ir-radju tad-distanza fit-tul u jikkontribwixxu għat-tixrid tal-kultura Ewropea u l-perspettivi fuq ix-xena globali. Spektrum usa ta' l-HF għax-xandir għandu jgħin għal suċċess fl-adozzjoni tat-teknoloġiji diġitali tax-xandir tar-radju.

Is-servizzi marittimi ewlenin ta' l-HF qed jiġu ttrasferiti gradwalment għat-trażmissjoni diġitali. Id-WRC-07 għandha tindirizza l-ħtiġijiet ta' l-ispektrum ta' dan is-settur fi żmien f'waqtu filwaqt li tiġi żgurata l-kontinwità mas-servizzi analogi kritiċi.

### **L-għanijiet tal-politika Komunitarja**

It-trasferiment minn analogu għat-teknoloġija diġitali tax-xandir tar-radju *short-wave* u tas-servizzi marittimi għandu jiġi megħjun bl-akkomodazzjoni tar-rekwiżiti ta' l-ispektrum fir-reviżjoni tal-medda tal-HF li hemm fid-WRC-07.

### **5.3. Il-ħtiġijiet futuri ta' l-ispektrum għall-avjazzjoni**

Il-ħolqien ta' Sema Uniku Ewropew fil-UE għandu l-għan li jottimizza l-ġestjoni tat-traffiku ta' l-ajru u s-sikurezza ta' l-avjazzjoni, sabiex jissodisfa l-utenti kollha ta' l-ispazju ta' l-ajru, billi dan huwa ass komuni li jrid jiġi ġestit kollettivament minkejja l-fruntieri nazzjonali. L-interessi tal-politika tal-Komunità marbuta ma' l-avjazzjoni jinkludu l-ħolqien ta' kapaċità addizzjonali ta' titjir u ż-żieda fl-effiċjenza tal-ġestjoni tat-traffiku (ATM). Biex jinkisbu dawn l-għanijiet, hemm hteġġa għall-introduzzjoni koordinata ta' teknoloġiji ġodda jew iktar effiċjenti mil-lat ta' spektrum. Is-sitwazzjoni inevitabli ta' ħidma parallela tas-sistemi qodma u ġodda aeronawtiċi hija rikonoxxuta, iżda għandha tinżamm fuq livell minimu. L-allokkazzjoni diġà allokata ta' l-ispektrum għandha tiġi wżata bl-iktar mod effiċjenti, konsistenti mal-konsiderazzjonijiet ta' sikurezza.

### **L-għanijiet tal-politika Komunitarja**

Spektrum suffiċjenti għat-telemetrija aeronawtika u l-vuċi mill-ajru sa l-art u l-komunikazzjonijiet ta' *data* għandu jservi l-għanijiet tas-Sema Uniku Ewropew, bil-ħsieb ta' l-għan li jitnaqqas l-perjodu ta' l-użu paralleli ta' l-ispektrum tar-radju b'sistemi qodma u ġodda.

#### 5.4. Il-Komunikazzjonijiet bis-Satellita

Id-WRC-07 għandu jirrevedi xi uħud mir-regoli ta' l-ITU li jippartenu għal sistemi tas-satellita. Il-komunikazzjonijiet satellitari huma rikonoxxuti bħala parti integrali tas-**Soċjetà ta' Informazzjoni u bħala waħda mill-pilastru ewlenin** tal-politika ta' l-ispazju ta' l-UE. Is-satelliti huma pjattaforma alternattiva importanti għas-servizzi ta' komunikazzjoni elettroniċi, li jipprovdu l-kapaċitajiet għal kopertura panEwropea ta' servizzi ġodda, fosthom *d-data broadband*, u b'hekk jgħinu biex jagħlqu d-distakk ta' kwalunkwe 'diviżjoni diġitali' li qed tiżviluppa f'żoni rurali u remoti ta' l-Ewropa.

#### **L-għanijiet tal-politika Komunitarja**

Filwaqt li l-prinċipji ta' l-ITU għal aċċess ekwu għar-riżorsi ta' l-ispektrum u orbitali huma fundamentali, għandu jiġi żgurat li l-qafas regolatorju globali huwa ta' appoġġ għall-inizjattivi industrijali konkreti biex jiżviluppaw u joperaw sistemi ta' komunikazzjoni satellitari. Il-proċeduri attwali ta' l-arkivjar satellitari għandhom jiġu ssimplifikati filwaqt li s-sistemi eżistenti satellitari għandhom jiġu ssalvagwardjati fi ħdan id-dispożizzjonijiet ta' l-ippjanar satellitari fl-RR ta' l-ITU.

#### 6. IKTAR FLESSIBILITÀ FIL-QAFAS REGOLATORJU TA' L-ISPEKTRUM GLOBALI

Dan l-aħħar, il-Kummissjoni esprimiet il-pożizzjoni tagħha<sup>16</sup> li l-ispektrum għandu jiġi rregolat b'mod iktar flessibbli, f'konformità ma' l-Opinjoni RSPG preċedenti dwar dan is-suġġett<sup>17</sup>.

Id-WRC-07 tipprovdi opportunità importanti għal dibattitu fil-livell globali dwar id-**direzzjoni strateġika** għall-futur tal-ġestjoni ta' l-ispektrum, billi jiġu kkunsidrati r-riżultati ta' l-istudji mwettqa mill-ITU dwar l-effettività, l-adegwatezza u l-impatt ta' l-RR fir-rigward ta' l-evoluzzjoni teknoloġika, bil-ħsieb li jiġu identifikati l-għażliet għat-titjib. **Punt mill-aġenda fid-WRC-11** għandu jkun fokus xieraq għal progress konkret fuq din il-kwistjoni.

#### **L-għanijiet tal-politika Komunitarja**

L-interessi Komunitarji jinqdew l-aħjar permezz ta' qafas globali li jappoġġa t-tneħħija ta' restrizzjonijiet regolatorji mhux meħtieġa għall-użu ta' l-ispektrum tar-radju, u b'hekk jitjib l-użu effiċjenti u flessibbli tiegħu u tiddaħħal iktar kompetizzjoni bejn l-infrastrutturi differenti tar-radju.

#### 7. L-AĠENDA GħALL-KONFERENZA LI JMISS (WRC-11)

Kull Konferenza Dinjija tar-Radjukomunikazzjoni tistabbilixxi l-aġenda għall-konferenza li jmiss. Huwa fl-interess tal-Komunità li jiġu appoġġati l-inizjattivi li jwasslu għall-konferenzi futuri tad-WRC li jirrelataw direttament għal **rekwiżiti** partikolari **tal-politika ta' l-UE**.

Il-Kummissjoni diġà identifikat l-ħtieġa għal iktar flessibilità fil-qafas regolatorju ta' l-ispektrum globali li għandu jiġi ndirizzat b'mod espliċitu mill-konferenza tad-WRC-11 (ara s-

<sup>16</sup> Ara COM(2007) 50.

<sup>17</sup> Opinjoni ta' l-RSPG dwar il-WAPECS tat-23 ta' Novembru 2005

sezzjoni 6). F'dan il-kuntest, il-possibilità li jittella l-istatus tas-servizz fiss tal-medda 470-862 MHz għandha tkun fuq l-aġenda tad-WRC-11<sup>18</sup>.

Bosta deċiżjonijiet tad-WRC għandhom impatt u applikabilità fuq medda ta' żmien twil (ta' spiss 10 sa 20 sena wara l-konferenza). Għalhekk huwa importanti li jiġi żgurat li l-aġendi huma "iċċekkjata bi thejjiġa għall-futur" biex ikunu jistgħu jindirizzaw r-rekwiżiti ta' l-ispektrum ta' politiki u tendenzi importanti. Il-politiki ta' l-UE li huma rilevanti f'dan il-kuntest u x'aktarx isiru iktar importanti matul dan il-perjodu jinkludu:

- **Żvilupp sostenibbli u bidla fil-klima:** għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-isforzi li saru biex jiġu identifikati r-rekwiżiti ta' l-ispektrum għall-applikazzjonijiet futuri f'dan il-qasam u biex jiġi żgurat li jiġu ankrati fiż-żmien f'waqtu fil-proċess ta' l-ITU.
- **Is-servizzi u n-netwerks panEwropej,** fit-trasport u fil-komunikazzjonijiet elettroniċi. pereżempju, jistgħu jinħtieġu rekwiżiti addizzjonali ta' l-ispektrum għas-sistema ta' Ġestjoni tat-Traffiku ta' l-Ajru Ewropew<sup>19</sup>, u l-aġenda tad-WRC-11 għandha tkun tista' tadatta għal din l-eventwalità, kif ukoll għal vetturi ta' l-ajru mingħajr operazzjoni umana u komunikazzjonijiet aeronawtiċi satellitari.
- Li **jingħelbu "id-diviżjonijiet diġitali"** b'mod partikolari għaż-żoni rurali, għax-xjuħ, in-nies b'diżabilità u għal komunitajiet oħra żvantaġġati. Tinħtieġ konsiderazzjoni addizzjonali dwar l-ispektrum għal komunikazzjonijiet satellitari u għal tagħmir li jappoġġa teknoloġiji mediċi u ta' għajjnuna.

Bi thejjiġa għad-WRC-11, il-Kummissjoni għandha taħdem mal-partijiet interessati kollha rilevanti biex tidentifika l-ħtiġijiet speċifiċi ta' l-ispektrum ta' oqsma ta' politika bħal dawn li għandhom jiġu appoġġati fil-konferenza.

### **L-għanijiet tal-politika Komunitarja**

L-aġenda WRC li jmiss fl-2011 għandha tkun flessibbli biżżejjed biex tindirizza kwalunkwe ħtiġijiet ta' l-ispektrum ġejjin minn politiki importanti Komunitarji, bħas-Sema Uniku Ewropew u l-Iżvilupp Sostenibbli. Iktar progress fuq il-flessibilità ġenerali ta' l-ispektrum għandu jeħtieġ ukoll punt speċifiku fuq l-aġenda dwar din it-tema.

## **8. KONKLUŻJONI**

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill huma mitluba japprovaw l-għanijiet Komunitarji identifikati f'din il-Komunikazzjoni li taħdem lejn l-implimentazzjoni b'suċċess ta' politiki Komunitarji rilevanti, u b'mod partikolari azzjonijiet mill-Istati Membri fil-konferenza, billi:

- Jakkomodaw id-domandi ta' l-ispektrum tas-sistemi ċellulari
  - Jidentifikaw il-medda ta' frekwenza 3.4 sa 3.8 GHz għal dan il-għan fuq bażi mhux esklussiva;

<sup>18</sup> Mingħajr ma jkun hemm antiċipazzjoni ta' allokazżjoni primarja għas-servizz ċellulari f'din il-medda li qed tingħata mid-WRC-07 fir-Reġjun I.

<sup>19</sup> Ara COM(2007) 103.

- Jgħollu l-istatus regolatorju tas-servizzi ċellulari fil-medda UHF;
- Jiproteġu l-medda 2.6GHz għall-użu terrestri ċellulari tat-tielet ġenerazzjoni;
- Jiżguraw il-protezzjoni effettiva ta' l-Esplorazzjoni Dinjija u servizzi oħra xjentifiċi mill-interferenza ta' ħsara;
- Jissodisfaw ir-rekwiżiti neċessarji għax-xandir tar-radju diġitali u għas-servizzi marittimi fil-medda HF;
- Itejbu l-qafas regolatorju biex jappoġġaw sistemi satellitari ġenwini;
- Jipprovdu spektrum suffiċjenti għat-telemetrija aeronawtika u komunikazzjonijiet ta' vuċi mill-ajru għall-art u komunikazzjonijiet tad-*data*;
- Iħejju azzjonijiet li jsostnu l-politiki Komunitarji fid-dawl tal-Konferenza tad-WRC li jmiss fl-2011.

In segwitu għad-WRC-07, il-Kummissjoni għandha tirraporta dwar **ir-riżultati tal-konferenza** fir-rigward tal-politiki Komunitarji u dwar it-tnejn tal-konferenza li jmiss li għandha ssir fl-2011. Għandha tibda wkoll mingħajr dewmien, it-tnejn għat-traduzzjoni tar-**riżultati rilevanti tal-konferenza** tad-WRC-07 **fil-miżuri xierqa tal-Komunità Ewropea**.